Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1110/2003**

tas-26 ta' Ġunju, 2003

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1249/96 dwar regoli dwar l-applikazzjoni (dazji ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92

(ĠU L 158, 27.6.2003, p. 12)

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 307, 24.11.2007, p. 23 (1110/2003)

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1110/2003

tas-26 ta' Ġunju, 2003

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1249/96 dwar regoli dwar l-applikazzjoni (dazji ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali ([1]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1104/2003 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tiegħu,

Billi:

(1) Wara diskussjonijiet ta' interpretazzjoni fuq il-metodu għall-iffissar u l-aġġustament ta' dazji fuq importazzjoni u spejjez relevanti li għandhom x'jaqsmu ma' tagħbijiet, inħass il-bżonn li ssir modifikazzjoni għad-disposizzjonijiet relevanti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1900/2002 ([4]), sabiex dawn isiru aktar ċari.

(2) Skond id-Deċiżjoni 2003/254/KE ([5]) u d-Deċiżjoni 2003/253/KE ([6]), il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Komunità Ewropea u l-Kanada, rispettivament, dwar il-modifikazzjoni ta' konċessjonijiet fir-rigward ta' ċereali li hemm fl-iskeda CXL annessa mal-GATT. Dawn il-Ftehim jemendaw il-kondizzjonijiet għall-importazzjoni ta' xgħir u qamħ ta' kwalità medja jew baxxa billi jiffissaw kwoti ta' importazzjoni għal dawn il-prodotti mill-1 ta' Jannar 2003.

(3) Skond id-Deċiżjonijiet ta' hawn fuq, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tagħmel deroga temporarja għal dawn il-prodotti mis-sistema ta' dazji ta' importazzjoni kif provdut fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92, sakemm ikun hemm l-approvazzjoni ta' emenda formali ta' dak ir-Regolament. Biex tippermetti li l-Ftehim approvati mill-Kunsill ikunu implementati mill-1 ta' Jannar 2003, il-Kummissjoni adottat disposizzjonijiet ta' implimentazzjoni temporarji permezz tar-Regolament (KE) Nru 2378/2002 ([7]), kif emendat minn Regolament (KE) Nru 611/2003 ([8]). Dawn il-ftehim temporarji jiskadu fit-30 ta' Ġunju 2003.

(4) F'dan l-istadju, għandhom ikunu adottati r-regoli permanenti ta' applikazzjoni tal-Ftehim approvat mill-Kunsill.

(5) Konsegwentament, jixraq li jiddaħħlu fir-Regolament (KE) Nru 1249/96, id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2378/2002 fuq bażi permanenti, peress illi dawn ħadmu b'mod sodisfaċenti matul l-ewwel sitt xhur ta' l-2003.

(6) Xħin tqis illi t-tnaqqis għax-xgħir imxarrab tneħħiet u li l-qamħ ta' kwalità tajba li ser ikun miħun ser jopera bħala premium, tnaqqis fuq prodott speċifiku marbut ma' l-użu aħħari ser japplika biss għal qamħirrum iebes. F'dawn il-kondizzjonijiet, il-ftehim eżistenti għad-disposizzjonijiet ta' l-użu aħħari għandhom ikunu ssimplifikati u armonizzazzati ma' leġislazzjoni doganali ġenerali.

([1]) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
([2]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([3]) ĠU L 161, tad-29.6.1996, p. 125.
([4]) ĠU L 287, tal-25.10.2002, p. 15.
([5]) ĠU L 95, tal-11.4.2003, p. 40.
([6]) ĠU L 95, tal-11.4.2003, p. 36.
([7]) ĠU L 358, tal-31.12.2002, p. 101.
([8]) ĠU L 87, ta' l-4.4.2003, p. 4.

▼B

(7) F'każijiet fejn ċertifikati ta' konformità huma aċċettati għal prodotti ta' kwalità għolja (qamħ ta' kwalità għolja komuni u durum mal-Kanada u l-Istati Uniti u qamħirrum iebes ma' l-Arġentina), huwa importanti li jkun hemm limitu fuq l-ammont ta' sigurtà biex din tkun fl-anqas livell possibbli. L-unika sigurtà li tapplika fil-każ ta' ċertifikazzjoni ta' konformità għandha tkun is-sigurtà marbuta mal-liċenza ta' importazzjoni.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1249/96 għandu għaldaqstant jiġi emendat b'dan il-mod.

(9) Il-Kumitat ta' Mmaniġġjar ta' ċereali ma tax opinjoni fi żmien stabilit mill-President,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1249/96 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-Paragrafi 1 u 2 qiegħdin jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Id-dazji fuq l-importazzjoni imsemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolamenti (KEE) Nru 1766/92 dwar Prodotti ta' Kodiċi NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ komuni ta' kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90 ser jiġu maħduma ġurnata b'ġurnata imma jkunu fissi fil-15-il jum u l-aħħar jum ta' xogħol ta' kull xahar mill-Kummissjoni għal applikazzjoni mis-16-il jum tax-xahar u l-ewwel jum tax-xahar ta' wara. Fejn il-15 ma jkunx jum ta' xogħol għall-Kummissjoni l-obbligi ser ikunu iffissati fil-jum ta' xogħol li jiġi wara l-15 tax-xahar in kwistjoni. Madankollu, jekk matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' l-obbligi li ġew iffissati hekk, ikun hemm differenza fid-dazju ta' importazzjoni medju ta' 5 EUR għal kull tunnellata jew aktar minn dik iffissata, għandhom isiru l-aġġustamenti li ġejjin.

2. Il-prezz li għandu jintuża għall-kalkolazzjoni tad-dazju ta' importazzjoni ser ikun il-prezz rappreżentattiv ta' l-importazzjoni cif li jkun iffissat ta' kuljum, li ser ikun determinat kif stipulat fl-Artikolu 4. Għall kull determinazzjoni, id-dazju ta' importazzjoni huwa l-medja ta' dazji ta' importazzjoni maħduma matul l-10 t'ijiem ta' xogħol ta' qabel. Għall-iffissar u aġġustamenti, il-Kummissjoni mhux ser tieħu kont ta' dazji ta' importazzjoni ta' kuljum użati għall-iffissar ta' qabel.

Il-prezz ta' intervent li għandu jintuża għal kalkolu tad-dazji ser ikun dak tax-xahar li fih japplikaw id-dazji ta' importazzjoni."

(b) It-tieni subparagrafu ta' paragrafu 3 huwa mħassar.

(ċ) Il-paragrafu 5 qiegħed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"5. Id-dazji fuq l-importazzjoni ser jitnaqqsu b'24 EUR kull tunnellata fuq qamħirrum iebes li jilħaq l-ispeċifikazzjonijiet imniżżla f'L-ANNESS I. Sabiex igawdi minn dan it-tnaqqis, qamħirrum iebes għandu jkun ipproċessat fi prodott b'Kodiċi NM 1904 10 10, 1103 13 jew 1104 23 fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ċirkolazzjoni libera. Disposizzjonijiet aħħarija ta' l-Artikolu 82 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 (*) u l-Artikolu 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (EC) Nru 2454/93 (**) għandhom japplikkaw.

Minkejja l-Artikolu 293(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 2454/93, il-persuna li timporta ser tagħtli lill-awtorità kompetenti assigurazzjoni oħra ta' 24 EUR għall kull tunnellata ta' qamħirrum iebes, salv meta l-applikazzjoniiet għall-liċenza ta' importazzjoni ikollhom magħhom ċertifikati ta' konformità

▼B

maħruġa mis-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament. F'dan il-każ, fil-liċenza ta' l-importazzjoni għandu tissemma f'kaxxa 24 t-tip ta' ċertifikat ta' konformità.

Jekk madankollu d-dazju li jkun japplika fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx mid-dwana għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa jkun anqas minn 24 EUR kull tunnellata ta' qamħirrum, is-sigurtà għandha tkun ekwivalenti għall-ammont ta' dazju.

_____

(*) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
(**) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1."

(2) L-Artikoli 4 u 5 qed jinbidlu b'dan li ġej:

▼C1

"Artikolu 4

1. Għal qamħ komuni ta' kwalità għolja, qamħ durum, qamħirrum u qamħ ieħor imsemmi fl-Artikolu 2(1), il-komponenti li jiddeterminaw il-prezzijiet ta' importazzjoni rappreżentattivi imsemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1766/92 ser ikunu:

(a) il-kwotazzjoni attwali ta' l-iskambju rappreżentattiv fuq is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika;

(b) il-prezzijiet kummerċjali magħrufa u skontijiet marbuta mal-prezz kurrenti tal-kambju fis-suq ta' l-Istati Uniti u l-prezz tal-ġurnata u b'mod partikolari, fil-każ ta' qamħ durum, marbuta mal-kwalità tas-smid;

▼B

(ċ) tgħabbija ta' bastimenti u spejjez assoċjati bejn l-Istati Uniti (Gulf tal-Messiku jew Duluth) u l-port ta' Rotterdam għal bastimenti ta' mhux anqas minn 25 000 tunnellata metrika.

2. Il-Kummissjoni ser tirreġistra kull jum ta' xogħol:

(a) il-komponent imsemmij fil-punt (a) tal-paragrafu 1 mill-kambji u billi jintużaw kwaltajiet ta' riferenza murija f'L-Anness II;

(b) komponenti imsemmija f'punti (b) u (c) ta' paragrafu 1 minn informazzjoni pubblika.

3. Sabiex ikun jista' jiġi kkalkulat l-komponent imsemmi f'punt (b) ta' paragrafu 1 jew il-kwotazzjoni relevanti fob, il-premium u skontijiet li ġejjin japplikaw:

— premium ta' 14 EUR kull tunnellata għall-qamħ komuni ta' kwalità għolja,

— skont ta' 10 EUR kull tunnellata metrika għall-qamħ ta' kwalità medja,

— skont ta' 30 EUR kull tunnellata għall-qamħ ta' kwalità baxxa.

4. Il-prezzijiet ta' importazzjoni rappreżentattivi cif għall-qamħ durum, qamħ komuni ta' kwalità għolja u qamħirrum ser ikun it-total tal-komponenti msemmija f'punti (a), (b) u (ċ) ta' paragrafu 1. Il-prezzijiet ta' importazzjoni cif rappreżentattivi għas-segala u s-*sorghum* ser ikunu kkalkolati billi jintużaw kwotazzjonijiet għax-xgħir fl-Istati Uniti, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Anness II.

5. Il-prezzijiet ta' importazzjoni cif rappreżentattivi għaż-żerriegħa ta' qamħ komuni ta' Kodiċi NM 1001 90 91 u ta' żerriegħa ta' qamħirrum ta' kodiċi NM għandhom ikunu dawk ikkalkolati għall-qamħ ta' kwalità għolja 1005 10 90 u qamħirrum rispettivament.

▼B

Artikolu 5

1. Applikazzjonijiet għall-liċenza ta' importazzjoni għall-qamħ komuni ta' kwalità għolja ser ikunu validi biss jekk l-applikant:

(a) iniżżel il-kwalità li ser tkun importata f'kaxxa 20 tal-liċenza ta' l-importazzjoni;

(b) jobbliga ruħu bil-miktub illi ser jipprovdi s-sigurtà speċifika u minbarra dawk mitluba skond Regolament tal-Kunsill lill-għaqda relevanti u kompetenti fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni li jerħi għall-moviment ħieles (KE) Nru 1162/95 (*).

Is-sigurtà żejda msemmija f'punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu, ser tkun ta' 95 EUR kull tunnellata. Madankollu, f'każijiet fejn il-liċenza ta' l-importazzjoni għandha jkollha magħha ċertifikati ta' konformità maħruġa mis-Servizz Federali ta' Inspezzjoni tal-Qamħ (FGIS) u mill-Kummissjoni tal-Qamħ Kanadiża (CGC) kif imsejjħa fl-Artikolu 6, mhux ser tintalab sigurtà żejda. F'dan il-każ, il-liċenza ta' importazzjoni ser ikollha f'kaxxa 24 referenza għat-tip ta' ċertifikat ta' konformità.

2. Applikazzjonijiet għal liċenza ta' importazzjoni għall-qamħ *durum* ser tkun valida biss jekk l-applikant:

(a) iniżżel il-kwalità li ser tkun importata f'kaxxa 20 tal-liċenza ta' importazzjoni;

(b) jintrabat bil-miktub illi jagħti fil-jum ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għall-moviment ħieles lill-għaqda relevanti u kompetenti sigurtà speċifika minbarra dawk mitluba skond Regolament (KE) Nru 1162/95, jekk id-dazju ta' importazzjoni dwar il-kwalità li tidher f'kaxxa 20 mhijiex l-ogħla dazju għall-kategorija tal-prodott in kwistjoni.

L-ammont ta' sigurtà żejda imsemmi f'punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ser ikun id-differenza fil-jum ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa bejn l-ogħla dazju u dak li japplika għall-kwalità li tkun tidher, flimkien ma' suppliment ta' 5 EUR għal kull tunnellata. Madankollu, fejn id-dazju ta' importazzjoni li jkun japplika għall-kwalitàjiet differenti ta' qamħ huwa żero, ir-rabta mniżżla f'punt (b) ta' l-ewwel subparagrfu mhux ser tkun mitluba.

Fejn il-liċenza ta' importazzjoni għandha tkun akkompanjata minn ċertifikati ta' konformità maħruġa mis-Servizz Federali ta' Inspezzjoni ta' Qamħ (FGIS) u mill-Kummissjoni Kanadiża tal-Qamħ (CGC) skond ir-referenza li hemm fl-Artikolu 6, mhux ser tintalab aktar sigurtà. F'dan il-każ, il-liċenza ta' importazzjoni ser ikollha referenza f'kaxxa 24 għat-tip ta' ċertifikat ta' konformità.

(*) ĠU L 117, ta' l-24.5.1995, p. 2."

(3) L-Artikolu 6 qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 qed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. L-uffiċċju tad-dwana tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ser tieħu kampjuni rappreżentattivi, skond l-Anness tad-Direttiva tal-Kummissjoni 76/371/KEE (*), ta' kull kunsinna ta' qamħ durum, qamħ komuni ta' kwalità għolja u ta' qamħirrum iebes. Madankollu, mhux ser ikun hemm teħid ta' kampjuni fejn id-dazju ta' importazzjoni għall-kwalitàjiet differenti huwa l-istess.

Jekk, madankollu, il-Kummissjoni tirikonoxxi b'mod uffiċċjali ċertifikat ta' kwalità għall-qamħ komuni, qamħ durum jew qamħirrum iebes maħruġ mill-pajjiż ta' l-oriġini taċ-ċereali, ser jittieħdu kampjuni għall-verifika tal-kwalità ċċertifikata biss mingħand numru li

1a. Iċ-ċertifikati ta' konformità li ġejjin ser ikunu jirrapreżenta b'mod suffiċjenti l-kunsinna.rikonoxxuti b'mod uffiċjali

▼B

mill-Kummissjoni skond il-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 63 sa 65 tar-Regolamenti (KEE) Nru 2454/93:

— ċertifikati maħruġa mis-Servicio Nacional de Sanidad y Calidad Agroalimentaria (Senasa) ta' l-Arġentina għall-qamħirrum iebes,

— ċertifikati maħruġa minn ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għall-qamħ komuni ta' kwalità għolja u qamħ durum ta' kwalità għolja,

— ċertifikati maħruġa mill-tal-Kanada għall-qamħ ta' kwalità għolja u qamħ *durum* ta' kwalità għolja.

Qiegħed jiġi pubblikat kampjun mhux kompilat ta' ċertifikati ta' konformità maħruġ minn Senasa fl-Anness IV. Riproduzzjoni tal-bolol awtorizzati mill-gvern ta' l-Arġentina ser ikunu ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Qiegħdin jingħataw kampjuni vojta taċ-ċertifikati ta' konformità u bolol maħruġa mill-FGIS f'L-Anness IVa.

Hemm kampjuni mhux kompilati taċ-ċertifikati ta' konformità, speċifikazzjonijiet ta' grad ta' esportazzjoni u bolol maħruġa minn CGC fl-Anness IVb.

Fejn il-parametri analitiċi li jitniżżlu fiċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa minn entitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu juru konformità ma' normi ta' kwalità dwar qamħ komuni, qamħ durum u qamħirrun iebes li hemm f'L-Anness 1 tar-Regolament preżenti, ser jittieħdu kampjuni ta' mhux anqas minn 3 % tat-tgħabijiet li jaslu f'kull port matul is-sena ta' suq.

Il-merkanzija għandha tiġi kklasifikata skond il-kwalità standarizzata meta r-rekwiżiti ndikati f'L-Anness 1 jkunu ġew sodisfatti.

_____

(*) ĠU L 102, tal-15.4.1976, p. 1."

(b) Il-paragrafu 3 qiegħed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Jekk ir-riżultati ta' l-analiżi juru illi l-qamħ komuni, qamħ durum u qamħirrum iebes li ġew importati huma ta' kwalità aktar baxxa minn dik li tniżżlet fuq il-liċenza ta' importazzjoni, l-importatur ser iħallas id-diferenza bejn id-dazju ta' importazzjoni li japplika għall-prodott muri fuq il-liċenza u dak fuq il-prodott li attwalment ġie importat. F'dan il-każ, is-sigurtà tal-liċenza ta' importazzjoni imsemmija fl-Artikolu 10(a) tar-Regolament (KE) Nru 1162/95 u s-sigurtà żejda imsemmija fl-Artikolu 2(5), 5(1) u 5(2) ta' dan ir-Regolament ser ikunu rilaxxati, salv għall-5 EUR żejda li hemm imsemmija fl-Artikolu 5(2).

Jekk id-differenza msemmija fl-ewwel subparagrafu ma titħallasx fi żmien xahar is-sigurtà imsemmija fl-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 5(1) u (2) tintilef."

(4) It-test fl-Annessi ta' dan ir-Regolament qiegħed jiddaħħal bħala l-Anness IVa.

(5) It-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament qiegħed jiddaħħal bħala l-Anness IVb.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

"ANNESS IVa

ĊERTIFIKAT VOJT TA' KONFORMITA AWTORIZZAT MILL-GVERN TA' L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA GĦAL QAMĦ KOMUNI

FGIS FORM 909-L
FEB 00

UNITED STATES DEPARTMENT OF AGRICULTURE
FEDERAL GRAIN INSPECTION SERVICE

U.S. GRAIN STANDARDS ACT
OFFCIAL EXPORT GRAIN INSPECTION CERTIFICATE

APPROVED OMB NO. 0580-0013
ORIGINAL
NOT NEGOTIABLE

US-

ISSUED AT _____ DATE OF SERVICE _____

I certify that I am licensed or authotized under the United States Grain Standards Act (7 U.S.C. 71 et. seq. I to inspect the kind of grain covered by this certificate and that on the above the following indentified grain was inspected under the Act. with the following results:

☐ ***Original Inspection*** ☐ *Reinspection* ☐ *Appeal Inspection* ☐ *Board Appeal Inspection*

QUANTITY (This in NOT a Weight Certificate)

LOCATION	*INDENTIFICATION OF CARRIER*

GRADE AND KIND (in accordance with the Official Grain Standards of the United States)

STOWAGE

REMARKS

Protein :
Test weight (kg/hl) :
Impurities :

APPEAL NO (if applicable)	*APPLICANT*	*NAME AND SIGNATURE*

This certificate is issued under the authority of the United States Grain Stadards Act, as arrended (7 U.S.D 71 et. seq.), and the regulations thereunder (7 CFR 800.0 et. seq.). It is issued to show the kind, class, grade, quality, condition, or quantity of grain, or the condition of a carrier or container for the storage or transportation of grain, or other facts relating to grain as determined bt official personnel. The statements on the certificate are considered true at the time and place the inspection or weighing service was performed. The certificate is not considered representative of the lot if the grain is transshipped or is otherwise transferred from the identified carrier or container or if grain or other material is added to as removed from the total lot. If this certificate is not canceled by a superseding certificate, it is receivable by all officers and all courts of the United States as prime facie evidence of the truth of the facts stated therein. This certificate does not excuse failure to comply with the provisions of the Federal Food. Drug, and Cosmetic Art, or other Federal law.

WARNING: ***Any person who shall knowingly faisely make, issue, after, forge, or counterfeit this certificate, or participate in any such actions, or otherwise violate provisions in the U.S. Grain Standars Act, the U.S. Warehouse Act, or related Federal laws is subject to criminal, civil, and administrative penalties.***

This conduct of all service and the licensing of personnel under the regulation governing such services shall be accomplished without discrimination as to race, color, religion, sex, national origin, age or handicap.

EXPORT

▼B

ĊERTIFIKAT VOJT TA' KONFORMITÀ AWTORIZZAT MILL-GVERN TA' L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA GĦAL QAMĦ DURUM"

FGIS FORM 909-L
FEB 00

UNITED STATES DEPARTMENT OF AGRICULTURE
FEDERAL GRAIN INSPECTION SERVICE
U.S. GRAIN STANDARDS ACT
OFFCIAL EXPORT GRAIN INSPECTION CERTIFICATE

APPROVED OMB NO. 0580-0013
ORIGINAL
NOT NEGOTIABLE

US-

ISSUED AT _____ DATE OF SERVICE _____

I certify that I am licensed or authotized under the United States Grain Standards Act (7 U.S.C. 71 et. seq. I to inspect the kind of grain covered by this certificate and that on the above the following indentified grain was inspected under the Act. with the following results:

☐ ***Original Inspection*** ☐ *Reinspection* ☐ *Appeal Inspection* ☐ *Board Appeal Inspection*

QUANTITY (This in NOT a Weight Certificate)

LOCATION	*INDENTIFICATION OF CARRIER*

GRADE AND KIND (in accordance with the Official Grain Standards of the United States)

STOWAGE

REMARKS

Protein :
Test weight (kg/hl) :
Impurities :
Hard Vitreours Amber Color :

APPEAL NO (if applicable)	*APPLICANT*	*NAME AND SIGNATURE*

This certificate is issued under the authority of the United States Grain Stadards Act, as arrended (7 U.S.D 71 et. seq.), and the regulations thereunder (7 CFR 800.0 et. seq.). It is issued to show the kind, class, grade, quality, condition, or quantity of grain, or the condition of a carrier or container for the storage or transportation of grain, or other facts relating to grain as determined bt official personnel. The statements on the certificate are considered true at the time and place the inspection or weighing service was performed. The certificate is not considered representative of the lot if the grain is transshipped or is otherwise transferred from the identified carrier or container or if grain or other material is added to as removed from the total lot. If this certificate is not canceled by a superseding certificate, it is receivable by all officers and all courts of the United States as prime facie evidence of the truth of the facts stated therein. This certificate does not excuse failure to comply with the provisions of the Federal Food. Drug, and Cosmetic Art, or other Federal law.

WARNING: *Any person who shall knowingly faisely make, issue, after, forge, or counterfeit this certificate, or participate in any such actions, or otherwise violate provisions in the U.S. Grain Standars Act, the U.S. Warehouse Act, or related Federal laws is subject to criminal, civil, and administrative penalties.*

This conduct of all service and the licensing of personnel under the regulation governing such services shall be accomplished without discrimination as to race, color, religion, sex, national origin, age or handicap.

EXPORT

▼B

ANNESS II

"ANNESS IVb

ĊERTIFIKAT VOJT TA' KONFORMITÀ AWTORIZZAT MILL-GVERN TAL-KANADA GĦAL QAMĦ KOMUNI U DURUM U SPEĊIFIKAZZJONIJIET TA' GRAD TA' ESPORTAZZJONI



▼B

Speċifikazzjonijiet ta' grad ta' esportazzjoni għal qamħ komuni u durum Kanadiż

QAMĦ KOMUNI

Canada Western Red Spring (CWRS)	Użin tat-test	Materjal barrani totali inkluż ċereali miħuna oħra
Nru 1 *CWRS*	(Min.) 79,0 kg/eL	(Mas.) 0,4 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra
Nru 2 *CWRS*	(Min.) 77,5 kg/eL	(Mas.) 0,75 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra
Nru 3 *CWRS*	(Min.) 76,5 kg/eL	(Mas.) 1,25 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra

Canada Western Extra Strong Red Spring (CWES)	Użin tat-test	Materjal barrani totali inkluż ċereali miħuna oħra
Nru 1 *CWES*	(Min.) 78,0 kg/eL	(Mas.) 0,75 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra
Nru 2 *CWES*	(Min.) 76,5 kg/eL	(Mas.) 1,5 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra

Canada Prairie Spring Red (CPSR)	Użin tat-test	Materjal barrani totali inkluż ċereali miħuna oħra
Nru 1 *CPSR*	(Min.) 77,0 kg/eL	(Mas.) 0,75 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra
Nru 2 *CPSR*	(Min.) 75,0 kg/eL	(Mas.) 1,5 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra

Canada Prairie Spring White (CPSW)	Użin tat-test	Materjal barrani totali inkluż ċereali miħuna oħra
Nru 1 CPSW	(Min.) 77,0 kg/eL	(Mas.) 0,75 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra
Nru 2 CPSW	(Min.) 75,0 kg/eL	(Mas.) 1,5 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra

Canada Western Red Winter (CWRW)	Użin tat-test	Materjal barrani totali inkluż ċereali miħuna oħra
Nru 1 CWRW	(Min.) 78,0 kg/eL	(Mas.) 1,0 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra
Nru 2 CWRW	(Min.) 74,0 kg/eL	(Mas.) 2,0 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra

Canada Western Soft White Spring (CWSWS)	Użin tat-test	Materjal barrani totali inkluż ċereali miħuna oħra
Nru 1 CWSWS	(Min.) 78,0 kg/eL	(Mas.) 0,75 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra
Nru 2 CWSWS	(Min.) 75,5 kg/eL	(Mas.) 1,0 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra
Nru 3 CWSWS	(Min.) 75,0 kg/eL	(Mas.) 1,5 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra

▼B

QAMĦ DURUM

Canada Western Amber Durum (CWAD)	Użin tat-test	Materjal barrani totali inkluż ċereali mitħuna oħra
Nru 1 *CWAD*	(Min.) 80,0 kg/eL	(Mas.) 0,5 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra
Nru 2 *CWAD*	(Min.) 79,5 kg/eL	(Mas.) 0,8 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra
Nru 3 *CWAD*	(Min.) 78,0 kg/eL	(Mas.) 1,0 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra
Nru 4 *CWAD*	(Min.) 75,0 kg/eL	(Mas.) 3,0 % inkluż 0,2 % żerriegħa oħra

NOTI:

'Qmuħ taċ-Ċereali oħra':	F'dawn il-gradi, inkludi biss ħafur, xgħir, segala u *triticale*.
'Il-qamħ komuni':	Għal esportazzjonijiet tal-qamħ komuni, il-Kummissjoni tal-Qamħ Kanadiż se tipprovdi dokumentazzjoni maċ-ċertifikat li jispeċifika l-persentaġġ tal-proteina għat-tagħbija msemmija.
'Qamħ durum':	Għal esportazzjonijiet tal-qamħ durum, il-Kummissjoni tal-Qamħ Kanadiż se tipprovdi dokumentazzjoni maċ-ċertifikat li jiċċertifika għall-persentaġġ tal-qalba żġieġiji(vitreous kernel) u l-użin speċifiku (kilogrammi/ettolitri) tat-tagħbija msemmija."